MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2011

Numru 116/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR CARMELO MAGRI**
**VS**
**SANDRO DEGABRIELE**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Sandro Degabriele ta' 29 sena, bin Peter u Mary Ann neè Camilleri mwieled fil-Pieta' fil-21 ta' Marzu 1979, u li joqghod fil-fond numru 80, Triq San Frangisk, Bormla u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 168979(M);

Illi hu akkuzat talli nhar it-8 ta' Gunju 2008 u fix-xhur ta' wara din id-data, xjentement, laqa' jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li kien, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, ikkommetta l-imsemmi reat waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin mghotija fl-14 ta’ Dicembru 2006 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Fl-istess zmien u cirkostanzi, talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol 2) u dak ta’ l-imputat (a fol 13) fejn l-imputat ma jsibx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli lill-imputat ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-imputat fil-kaz oderjn ghamel ammissjoni pjena tat-tlett akkuzi migjuba kontra tieghu. It-tieni akkuza titratta fuq ksur ta’ sentenza sospiza moghtija fl-14 ta’ Dicembru 2006. Illi mill-fedina penali tal-imputat ezebita a fol 22-29 jirrizulta b’mod car illi l-imputat gie sentenzjat u akkordat sentenza sospiza fis-17 ta’ Mejju 2007 u fl-14 ta’ Gunju 2007. Ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax issib l-imputat hati tat-tieni akkuza.

Illi ghaldaqstant fuq l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti ssib l-imputat Sandro Degabriele hati tal-ewwel u t-tielet akkuza, mhux hati tat-tieni akkuza li minnha tilliberah, u wara li rat Artiklu 334, 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artiklu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal pejodu ta' tlett snin (3) taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat. Illi in oltre l-Qorti ai termini ta' Artiklu 7(5) tal-Kap 446 tordna l-hrug ta' Treatment Order kontra l-imputat b'dana li ghandu jibda u jikkompleta Programm ghal rijabilitazzjoni kontra d-droga mal-istituzzjonijiet tas-Sedqa u joqghod ghal ordnijiet u istruzzjonijiet moghtija mill-Ufficjali ta' din l-istituzzjoni.

Il-Qorti tordna illi l-Probation Officers nominati jirraportaw kull sitt xhur (6) fuq l-andament tal-imputati.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------